# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Drogi 120/2001.</u>***

***Pulizija***
***Spettur Sandro Gatt***
***v***
***Reuben Cassar***

Illum 12 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat bir-reat ta' ***pussess illegali semplici*** tar-raza tal-cannabis u ecstasy u eroina kif ukoll ***traffikar*** tad-droga eroina.

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi dedotta kontra tieghu, u ghaldaqstant dawn jinsabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

Illi mill-provi mismugha mill-Qorti relatati mal-hajja ta' l-imputat jirrizulta b'mod car li dan ghandu dependenza qawwija fuq id-droga u skond l-Ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon ghalkemm dan ghandu jinghata piena karcerarja dina ghandha tkun kanalata sabiex tghin lil imputat li ghad ghandu 22 sena johrog mill-vizzju tieghu.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini tar-regolamenti 4 u 8 tal- GN 292/39 u r-regolament 5 AL 22/85 u l-Artiklu 17 tal-Kap. 9 u wara li rat l-Artikolu 22(2)(2)(b)(I) tal-Kap.152 u tikkundannah ghall-piena ta' ***priguneri ja ghal zmien sentejn mill-liema perjodu ghandu jittnaqqas iz-zmien li l-***

***imputat kien dam mizmum thaht arrest preventiv oltre piena ta' mitejn lira Maltija multa (LM 200).***

Il-Qorti tikkonsidra bhala flokha ir-rakkomandazzjoni maghmula mill-Ufficjal tal-Probation li l-imputat jigi konsiderat posittivament sabiex jghamel il-programm SATU u li fil-fratemp jinzamm fis-sezzjoni YOURS; u ghaldaqstant din il-Qorti taghmel din l-istess rakkomandazzjoni lid-Direttur CCF.

In fine tordna l-konfiska tad-dokument D1, D2, D6.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***